MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 1083/2006

**GSI Malta**

**Vs**

**Joseph Mamo (ID. 274836M) u Roderick Mamo (ID. 525080M) ezercenti l-kummerc taht l-isem “Bigfoot Rabbit Breeding Farm”**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta’ Dicembru, 2006, fejn l-Assocjazzjoni attrici qed titlob is-somma ta’ mija` u sitt Liri Maltin u ghoxrin centezmu (LM106.20) rapprezentanti kontribuzzjoni dovuta lilha mill-konvenuti ghas-sena 2006 ai termini ta’ l-istatut ta’ l-istess Assocjazzjoni. Minkejja li l-konvenuti gew interpellati jhallsu nkluz bl-ittra bonarja datata 28 ta’ Ottubru 2006 (Dok B) huma baqghu inadempjenti.

Qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv, bir-rata ta' 8% fis-sena. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuti tal-15 ta' Jannar 2007 fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-ammont mitlub gie diga mhallas mill-intimati kif ser jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza. Salv eccezzjonijiet ulterjuri bir-rizerva ta' l-ispejjez u kull dritt spettanti lill-esponenti.

Sema` x-xhieda kollha prodotti.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra n-nota ta' Dr Antoine Naudi ghall-Assocjazzjoni attrici pprezentata fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2007 u li permezz taghha ceda s-sorte u zamm ferm l-Kap ta' l-ispejjes u l-imghax – u dan stante pagament wara li nfethet il-kawza.

Sema` t-trattazzjoni ta' l-abbli Avukati u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

**Ikkunsidra** :

Illi dan it-Tribunal irid jiddeciedi biss u limitatament dwar il-Kap ta' l-ispejjes.

Illi l-Avviz de quo gie pprezentat fl-14 ta' Dicembru 2006, l-istess gurnata li fiha jidher li nkiteb l-istess cekk li bih sar il-hlas (vide Dok RM1 – fol 14).

Illi ma ngiebet ebda prova meta ssarraf l-istess cekk – Roderick Mamo jghid illi ic-cekk "*naqas mill-kont taghna f'Dicembru 2006*" (25.04.07), filwaqt illli Margaret Abela tghid illi "*l-pagament ahna rcevejnih fil-15 jew 16 ta' Dicembru 2006*" – izda mbaghad tghid "*ahna konna nfurmajna lill-Avukat illi konna rcevejna c-cekk u niftakar illi kienet l-istess gurnata li nfethet il-kawza*" (13.06.07).

Illi anke dwar l-istatement hemm diskrepanza – l-atturi jsostnu illi dawn kienu jintbaghtu regolarment, filwaqt illi l-konvenuti jsostnu illi qatt ma` rcevew xejn.

Illi jirrizulta wkoll illi l-atturi rcevew hlas fl-ammont ta’ mija u erbgha u ghoxrin Liri Maltin u sitta` u disghin centezmu (Lm124.96) meta effettivament s-sorte kien ta’ mija` u sitt Liri Maltin (LM106.00).

Tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u partikolarment illi t-Tribunal ma jhossx illi gew prodotti provi sufficjenti sabiex jikkundanna parti jew ohra tbati l-ispejjes ta’ din il-kawza, it-Tribunal ihoss giust u ekwu illi jiddeciedi billi jordna illi kull parti tbaghti l-ispejjes legali u giudizzjarju taghha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jichad it-talba ta’ l-atturi ghall-ispejjes, u jordna illi kull parti tbati l-ispejjes giudizzjarji taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------